6 ta' Marzu, 1954

Imħallef:
Chev. Onor. Dr. W. Harding, B.Litt., LL.D.

Il-Pulizija *versus* Salvu Depares

**Approprjazzjoni Indebita — Frode — Reat Kontinwat — Valur — Kwerela — Art. 402(5) tal-Kodiċi Kriminali**

*F'każ ta' diversi reati kontra l-patrimonju li jagħmlu reat wieħed kontinwat, allura, għall-finijiet tal-valur, għandu jitqies il-valur ta' dak ir-reat li hu l-akbar fost il-valuri l-oħra.*

*F'każ ta' akkuża dwar approprjazzjoni indebita, il-kwerela tal-parti leża hija preżunta, jekk l-imputat ma jkunx talabha u l-Qorti ma tkunx ordnat il-produzzjoni tagħha.*

Il-Qorti; — Rat in-nota ta' l-Attorney General tal-11 ta' Novembru, 1953, li biha l-attijiet tal-kumpilazzjoni magħmula kontra l-imputat ġew rinvijati lill-Qorti Kriminali tal-Maġistrati ta' Malta biex tiddeċidi fuq il-ħtija u tista' tirriżulta kontra l-imputat taħt dak li hemm maħsub:—

(a) Għad-diversi qliegħ b'qerq bi ħsara ta' Margherita Galea jew persuni oħra, ta' Miriam Caligari, ta' Salvina Cu-

tajar jew persuna oħra, ta' Mary Ellul, ta' Joseph Montebello, ta' Giorgina Barbara, ta' Tessie Cassar, ta' Lina Refalo, ta' Doreen Stacey, ta' Antonia Mangion, u ta' Joan Duffie, fl-art. 323, 324(1)(d), 49, 50 tal-Kodiċi Kriminali;

(b) Għall-approprjazzjonijiet indebiti tal-bicycle bi ħsara ta' Joseph Cheteuti u tat-tricycle bi ħsara ta' Thelma Falzon Bernard, fl-art. 307, 342(1)(c), 49, 50 tal-Kodiċi Kriminali;

(c) Għas-serq ta' £3.16.0 bi ħsara ta' Mary Cefai, fl-art. 274(e), 282(g), 291(a), 302(1) tal-Kodiċi Kriminali;

(d) Għas-serq ta' arloġġ u flus ta' anqas minn £3 għad-dannu ta' Mary Galea, u għas-serq ta' bicycle bi ħsara ta' Joseph Attard u Col. Stephen Borg, fl-art. 274(e), 282(g), 295, 302(1) tal-Kodiċi Kriminali;

(e) Għas-serq ta' bicycle bi ħsara ta' Carmelo Abela, u għas-serq ta' bicycle bi ħsara ta' persuna injota, fl-art. 298 u 302(1) tal-Kodiċi Kriminali — barra kull ċirkustanza oħra;

Rat is-sentenza ta' dik il-Qorti tad-9 ta' Jannar, 1954, li biha dik il-Qorti sabet lill-imputat ħati talli għamel ħdax il-qliegħ b'serq a dannu rispettivament ta' Miriam Caligari, ta' Salvina Cutajar jew persuna oħra, ta' Mary Ellul, ta' Joseph Montebello, ta' Giorgina Barbara, ta' Tessie Cassar, ta' Lina Refalo, ta' Doreen Stacey, ta' Antonia Mangion, ta' Margherita Galea jew persuna oħra, u ta' Joan Duffie, f'kull każ għall-valur li ma jeċċedix £1; talli kkommetta approprjazzjoni indebita ta' tricycle a dannu ta' Thelma Falzon Bernard tal-valur ta' £2.5.0, u approprjazzjoni indebita oħra ta' bicycle li jiswa £2 a dannu ta' Joseph Cheteuti; talli kkometta serq aggravat bil-lok, ta' bicycle li jiswa £2.15.0 a dannu tal-Kurunell Borg; serq ieħor, kwalifikat bil-lok, ta' £3.16.0, a dannu ta' Mary Cefai; u serq ieħor, kwalifikat ukoll bil-lok, ta' arloġġ u flus, għall-valur ta' anqas minn £3, a dannu ta' Mary Galea; u talli kkommetta serq sempliċi ta' bicycle li jiswa £1.10.0, a dannu ta' persuna mhux magħrufa; u kkundannat lill-imsemmi Salvu Depares, reċidiv iżjed minn darba f'serq, għall-piena tal-lavuri furzati għal żmien tliet snin u tliet xhur, u lliberatu mill-akkuża ta'

serq tal-bicycle dokument "K" a dannu ta' persuna oħra mhux magħrufa:

Rat ir-rikors li bih l-imputat appella mis-sentenza fuq imsemmija:

Trattat l-appell tiegħu, din il-Qorti kkunsidrat:

L-appell jirraġġira ruħu mhux *fuq il-fatti*, li huma am*messi fir-rikors ta'* l-appell, *imma fuq ċerti punti li jirrigwardaw* l-aspett ġuridiku tagħhom;

Kwantu għall-ħdax il-frodi, l-Ewwel Qorti, għalkemm irrikonoxxiet li kien hemm il-kontinwità, però, billi kienet ta' opinjoni li fir-reat kontinwat, meta si tratta ta' reati kontra l-patrimonju, il-valur għandu jiġi kalkulat mill-valur komplessiv riżultanti mid-diversi infrazzjonijiet, u billi bl-applikazzjoni ta' *dan il-prinċipju*, hekk propunjat mill-Qorti t'Isfel, il-kontinwità, minflok "ob favorem", kienet tirridonda "*in odium*", għalhekk giet għall-konklużjoni li d-diversi frodi, għall-applikazzjoni tal-piena, kellhom jiġu kunsidrati bħala konkorrenti, għax dan kien iż'ed vantaġġjus għall-imputat;

Id-difiża ssostni li l-valur, f'każ ta' kontinwità, għandu jkun dak ta' wahda biss mill-*infrazzjonijiet*, ċjoè ta' l-akbar waħda:

Ikkunsidrat, fuq dan il-punt:

It-teorija tal-Carrara, enunċjata mill-Qorti t'Isfel u minnha abbraċċjata, ma tikkonvinċix; għaliex tieħu għall-inkongruwità li, avvolja jkun hemm il-karattri kollha tal-kontinwità, din tiġi eskluża fuq konsiderazzjoni għal kollox estranea — dik tal-piena;

*Dik il teorija*, ukoll, tipproduċi hi stess appuntu l-inkonvenjent li, minħabba l-kumulu tal-valur tas-sottrazzjonijiet kollha, *il-Qorti tinsab* kostretta li, avvolja tikkunsidra r-reat bħala kontinwat, eppure, minħabba l-piena akbar li dan il-kumulu tal-valur iġib, *tipproċedi daqs* kieku kienu diversi reati singoli konkorrenti:

Hu fatt li l-Qrati Tagħbna qatt *ma segwew din* it-teorija, *u dejjem ġie paċifikament ritenut*, bla ebda kwistjoni ta' xejn, illi, f'każ ta' diversi reati għad-dannu tal-patrimonju li jagħmlu reat wieħed, kontinwat, allura, għall-finijiet tal-valur,

għandu jitqies il-valur ta' dak ir-reat li hu l-akbar valur fost il-valuri l-oħra;

L-Imħallef sedenti jħoss li din it-teorija hi ġusta; mhux biss għaliex tevita l-inkongruwità fuq imsemmija, imma anki għaliex, ġa ladarba r-reat kontinwat jipotizza konkors "sui generis", hu xieraq li fid-determinazzjoni tal-valur tiġi segwita, "mutatis mutandis", ir-regola li hemm fl-inċiż (h) ta' l-art. 19 Kap. 12. F'dak l-inċiż, f'każ ta' diversi reati intiżi għall-kommissjoni ta' reat ieħor, tiġi applikata, stante l-assorbiment, il-piena l-aktar gravi. Hekk, l-istess fir-reat kontinwat, fejn diversi reati, stante l-uniċità tar-riżoluzzjoni, jitqiesu reat wieħed, il-valur għandu jitqies dak li hu l-akbar;

Għalkemm il-Qorti, kif kostitwita, ma tħossx illi għandha tiddipartixxi mill-prattika tradizzjonali;

Kwantu għall-gravam l-ieħor tad-difiża, li għaż-żewġ reati ta' *approprjazzjoni indebita tal-bicycle u tat-tricycle*, tonqos il-kwerela, apparti li, stante r-rinunzja tal-parti leża verbalizzata fol. 73, il-kwistjoni saret akkademika, eppure għandu jiġi osservat, *għar-regolament futur*, li evidentement iddifiża insiet id-dispost ta' l-art. 102(5) Kap. 12, li jippreżumi l-kwerela meta l-imputat ma jitlobhiex, u l-Qorti ma tkunx ordnat *il-produzzjoni tagħha*. *L-imputat* seta' talab il-kwerela meta sar ir-rinviju u l-fatti, preċedentement dedotti bħala serq, ġew dedotti mill-Attorney General bħala *approprjazzjonijiet indebiti*. *Jekk ma talabhiex*, u l-Qorti ma ordnathiex, legalment kien hemm il-preżunzjoni ta' l-eżistenza tal-kwerela, u l-Maġistrat seta' japplika, kif għamel, id-dispost ta' l-art. 115(2) *Kap.* 12, bla ma d-difiża tista' tgħid li ma segwitax ikun hemm rinunzja għax ma kienx hemm kwerela. Kif ingħad, il-lum saret ir-rinunzja, u għalhekk l-iskop prattiku hu ottenut b'din ir-rinunzja, mentri l-kwistjoni saret purament teorika;

Għalhekk din il-Qorti tiddeċiedi billi tirriforma s-sentenza appellata fis-sens li, kwantu għar-reati ta' qligħ b'qerq għad-danni tad-diversi persuni ndikati fis-sentenza appellata, issib l-imputat ħati mhux ta' ħdax il-reat singolu u separat, kif sabitu l-Ewwel Qorti, iżda ta' reat wieħed kontinwat, ta' qligħ b'qerq, b'dan li l-ammont tal-ħsara ma hux aktar minn

għaxar xelini, u kwantu għall-imputazzjonijiet ta' appropriazzjonijiet indebiti għad-dannu ta' Thelma Bernard u ta' Joseph Cheteuti, tiddikjara eżawrit il-proċediment minħabba rinunzja tal-parti leża, u għalhekk tillibera lill-imputat minn dawk ir-reati; u tikkonferma s-sentenza appellata filli sabet ħati l-imputat tar-reati ta' serq għad-dannu tal-Kurunell Borg, ta' Mary Cefai, ta' Mary Galea, u ta' Carmelo Abela;

U wara li rat l-art. 323, 324(d) u art. 20, għal dak li jirrigwarda l-konkors ta' reati u ta' pieni, tirriduċi l-piena għall-lavuri furzati għal żmien sentejn;

U b'hekk ippronunzjat għall-appell.